

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 496/2013

tad-29 ta' Mejju 2013

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007⁽¹⁾ (ir-regolament SGP), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-premessa 12 tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 tipp-rovdi li l-arrangġament speċjalist għall-pajjiżi l-anqas żviluppati għandu jkompli jagħti aċċess bla dazju għas-suq Komunitarju lil prodotti li jorixaw mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif rikonoxxuti u kklassifikati min-NU.
- (2) Skont il-punt (b) tal-Artikolu 25 tar-Regolament SGP il-Kummissjoni għandha tadotta emendi li saru meħtieġa minħabba bidla fl-istatus internazzjonali jew il-klassifikazzjoni ta' pajjiżi jew territorji.
- (3) Ir-Repubblika tas-Sudan t'Isfel (minn hawn 'il quddiem is-Sudan t'Isfel) saret Stat indipendenti. Fl-14 ta' Lulju 2011 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat r-Riżoluzzjoni A/RES/65/308 li daħħlet is-Sudan t'Isfel bħala membru fin-Nazzjonijiet Uniti.
- (4) Fit-18 ta' Diċembru 2012 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat Riżoluzzjoni A/RES/67/136 li żiedet lis-Sudan t'Isfel mal-lista tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati.
- (5) L-Antilli Olandiżi ġew dissoluti. Bonaire, Sint Eustatius u Saba, Curaçao u Sint Maarten (il-parti Olandiżi) issa huma pajjiżi u territorji extra mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji⁽²⁾ ħassar l-Antilli Olandiżi minn u inkluda Bonaire, Sint Eustatius u Saba, Curaçao, Sint Maarten (Olandiż parti) u s-Sudan t'Isfel fil-verżjoni n-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika dwar il-kummerċ estern tal-Unjoni Ewropea u l-istatistika dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri li hija valida mill-1 ta' Jannar 2013.

(7) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament SGP għandu jiġi emendat kif ġej. l-Antilli Olandiżi għandhom jitħassru minn kolonna B tal-Anness I tar-Regolament SGP. Is-Sudan t'Isfel, Bonaire, Sint Eustatius u Saba, Curaçao u Sint Maarten (il-parti tal-Pajjiżi l-Baxxi) għandhom jiġu inklużi fil-Kolonna B tal-Anness I tar-Regulament SGP. Is-Sudan t'Isfel għandu jiġi inkluż ukoll fil-Kolonna D tal-Anness I tar-Regolament SGP, bħala pajjiż inkluż fl-arrangġamenti speċjalist għall-pajjiżi l-inqas żviluppati.

(8) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7.

ANNESS

“ANNESS I

Pajjiżi (¹) u territorji beneficijarji tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità

Kolonna B: isem il-pajjiż jew territorju

Kolonna C: settur(i) li fir-rigward tagħhom tneħħew il-preferenzi tariffarji, għall-pajjiż beneficijarju kkonċernat (l-Artikolu 13)

Kolonna D: pajjiż inkluż fl-arranġamenti speċjali għall-pajjiż l-inqas żviluppati (l-Artikolu 11)

Kolonna E: pajjiż inkluż fl-arranġament ta' incēntiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba (l-Artikolu 7)

| A | B | C | D | E |
|----|--------------------------------|---|---|---|
| AE | L-Emirati Għarab Magħquda | | | |
| AF | L-Afganistan | | X | |
| AG | Antigua u Barbuda | | | |
| AI | Angwilla | | | |
| AM | l-Armenja | | | X |
| AO | L-Angola | | X | |
| AQ | Antartika | | | |
| AR | L-Argentīna | | | |
| AS | is-Samoa Amerikana | | | |
| AW | L-Aruba | | | |
| AZ | L-Azerbajġan | | | X |
| BB | Il-Barbados | | | |
| BD | Il-Bangladesh | | X | |
| BF | Il-Burkina Faso | | X | |
| BH | Il-Baħrejn | | | |
| BI | Il-Burundi | | X | |
| BJ | Il-Benin | | X | |
| BM | Il-Bermuda | | | |
| BN | Il-Brunei Darussalam | | | |
| BO | Il-Bolivja | | | X |
| BQ | Bonaire Sint Eustatius, u Saba | | | |

(¹) Din il-lista tinkludi pajjiżi li setgħu kienu temporanġament sospiżi mis-SGP tal-Komunità jew li setgħu ma kkonformawx mar-rekwiżiti għal kooperazzjoni amministrativa (prekondizzjoni biex proddoti jingħataw il-benefiċċju tal-preferenzi tariffarji). Il-Kummissjoni jew-l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat ser jipprovdha lista aġġornata.

| A | B | C | | D | E |
|----|---------------------------------------|---------|---|---|---|
| BR | Il-Braziľ | S-IV | Ikel ippreparat; xorb, spirti u hall; tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk | | |
| | | S-IX | Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol ta' basktijiet u xogħol tal-wiker | | |
| BS | Il-Baħamas | | | | |
| BT | Il-Butan | | | X | |
| BV | Il-Gżira ta' Bouvet | | | | |
| BW | Il-Botswana | | | | |
| BY | Il-Belarus | | | | |
| BZ | Il-Belize | | | | |
| CC | Gżejjjer Kokos (jew Gżejjjer Keeling) | | | | |
| CD | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | | | X | |
| CF | Ir-Repubblika Ċentru-Afrikană | | | X | |
| CG | Il-Kongo | | | | |
| CI | Il-Kosta tal-Avorju | | | | |
| CK | Il-Gżejjjer Cook | | | | |
| CM | Il-Kamerun | | | | |
| CN | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | S-IV | Prodotti tal-industrija kimika jew dawk relatati magħha | | |
| | | S-VII | Plastik u oġġetti tiegħu; gomma u oġġetti tal-gomma. | | |
| | | S-VIII | Ġlud mhux maħdumin, ġilda, ferijiet u oġġetti magħmulin minnhom; oġġetti tas-sarraq u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir) | | |
| | | S-IX | Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol tal-qieff u xogħol tal-qasab | | |
| | | S-XI(a) | Tessuti; S-XI(b) Artikli tat-tessuti | | |
| | | S-XII | Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrellel, umbrellel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar tal-bniedem | | |

| A | B | C | | D | E |
|----|--------------------------|---------|---|---|---|
| | | S-XIII | Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, majka jew materjali simili; prodotti taċ-ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ | | |
| | | S-XIV | Perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezjuż jew semi-prezjuż, metalli prezjużi, metalli mlibbsa b'metall prezjuż, u oġġetti magħmula minn-hom; ġojjelli artifiċjali; munita | | |
| | | S-XV | Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx | | |
| | | S-XVI | Makkinarju u għodod mekkaniċi; tagħmir elettriku; partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu l-ħoss, strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu stampa u ħoss tat-televiżjoni, u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti | | |
| | | S-XVII | Vetturi, inġenji tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat | | |
| | | S-XVIII | Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, ta' kejl, ta' verifika, ta' preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; arloggji u arloggji tal-idejn; strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji tagħhom | | |
| | | S-XX | Oġġetti mixxellanji manifatturati; | | |
| CO | Il-Kolombja | | | | X |
| CR | Il-Kosta Rika | | | | X |
| CU | Kuba | | | | |
| CV | Il-Kap Verde | | | X | |
| CW | Curaçao | | | | |
| CX | Il-Gżira Christmas | | | | |
| DJ | Ġibuti | | | X | |
| DM | Dominika | | | | |
| DO | Ir-Repubblika Dominikana | | | | |
| DZ | L-Alġerija | | | | |
| EC | L-Ekwador | | | | X |
| EG | L-Eġittu | | | | |
| ER | L-Eritrea | | | X | |
| ET | L-Etjopja | | | X | |
| FJ | Il-Fiġi | | | | |
| FK | Il-Gżejjer Falkland | | | | |

| A | B | C | D | E |
|----|---|---------|---|---|
| FM | l-Istati Federali tal-Mikroneżja | | | |
| GA | Il-Gabon | | | |
| GD | Il-Grenada | | | |
| GE | Il-GeVorgja | | | X |
| GH | Il-Gana | | | |
| GI | Ġibiltà | | | |
| GL | Il-Groenlandja | | | |
| GM | Il-Gambja | | X | |
| GN | Il-Ginea | | X | |
| GQ | Il-Ginea Ekwatorjali | | X | |
| GS | Gżejjer South Georgia u South Sandwich | | | |
| GT | Il-Gwatemala | | | X |
| ĠU | Gwam | | | |
| GW | Il-Ginea-Bissaw | | X | |
| GY | Il-Gujana | | | |
| HM | Il-Gżira Heard u l-Gżejjer McDonald | | | |
| HN | Il-Honduras | | | X |
| HT | Haiti | | X | |
| ID | L-Indoneżja | S-III | Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex | |
| IN | L-Indja | S-XI(a) | Tessuti | |
| IO | It-Territorju Britanniku tal-Ocean Indjan | | | |
| IQ | L-Iraq | | | |
| IR | L-Iran | | | |
| JM | Il-Ġamajka | | | |
| ĠU | Il-Ġordan | | | |
| KE | Il-Kenja | | | |
| KG | Il-Kirgiżistan | | | |
| KH | Il-Kambodja | | X | |
| KI | Kiribati | | X | |
| KM | Il-Komoros | | X | |

| A | B | C | D | E |
|----|---|-------|---|---|
| KN | St Kitts u Nevis | | | |
| KW | Il-Kuwajt | | | |
| KY | Il-Gżejjjer Kajman | | | |
| KZ | Il-Każakistan | | | |
| LA | Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos | | X | |
| LB | Il-Libanu | | | |
| LC | Santa Luċija | | | |
| LK | Is-Sri Lanka | | | X |
| LR | Il-Liberja | | X | |
| LS | Il-Lesoto | | X | |
| LY | Ġamaħirija Libjana Għarbija | | | |
| MA | Il-Marokk | | | |
| MG | Il-Madagaskar | | X | |
| MH | Il-Gżejjjer Marshall | | | |
| ML | Mali | | X | |
| MM | Il-Mjanmar | | X | |
| MN | Il-Mongolja | | | X |
| MO | Il-Makaw | | | |
| MP | Il-Gżejjjer tal-Marjanas tat-Tramuntana | | | |
| MR | Il-Mawritanja | | X | |
| MS | Il-Montserrat | | | |
| MU | Il-Mawrizju | | | |
| MV | Il-Maldivi | | X | |
| MW | Il-Malawi | | X | |
| MX | Il-Messiku | | | |
| MY | Il-Malasja | S-III | Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex | |
| MZ | Il-Możambik | | X | |
| NA | In-Namibja | | | |
| NC | Il-Kaledonja Ġdida | | | |
| NE | In-Niger | | X | |
| NF | Il-Gżira Norfolk | | | |

| A | B | C | D | E |
|----|-----------------------------------|---|---|---|
| NG | In-Niġerja | | | |
| NI | In-Nikaragwa | | | X |
| NP | In-Nepal | | X | |
| NR | Nawru | | | |
| NU | Niue | | | |
| OM | L-Oman | | | |
| PA | Il-Panama | | | |
| PE | Il-Perù | | X | |
| PF | Il-Polineżja Franċiża | | | |
| PG | Il-Papwa Ginea Ġidha | | | |
| PH | Il-Filippini | | | |
| PK | Il-Pakistan | | | |
| PM | St Pierre u Miquelon. | | | |
| PN | Il-Pitcairn | | | |
| PW | Il-Palaw | | | |
| PY | Il-Paragwaj | | X | |
| QA | Il-Qatar | | | |
| RU | Il-Federazzjoni Russa | | | |
| RW | Ir-Rwanda | | X | |
| SA | L-Arabja Sawdija | | | |
| SB | Il-Gżejjer Solomon | | X | |
| SC | Is-Seychelles | | | |
| SD | Is-Sudan | | X | |
| SH | Sant'Elena | | | |
| SL | is-Sjerra Leon | | X | |
| SN | Is-Senegal | | X | |
| SO | Is-Somalja | | X | |
| SR | Is-Surinam | | | |
| SS | is-Sudan t'Isfel | | X | |
| ST | São Tomé u Príncipe | | X | |
| SV | El Salvador | | | X |
| SX | Sint Maarten (Il-parti Olandi-ża) | | | |

| A | B | C | D | E |
|----|--|-------|--|---|
| SY | Ir-Repubblika Għarbija Sirjana | | | |
| SZ | Is-Sważiland | | | |
| TC | Il-Gżejjjer Turks u Caicos, | | | |
| TD | Iċ-Ċad | | X | |
| TF | It-Territorji Franciż tan-Nofsinhar | | | |
| TG | It-Togo | | X | |
| TH | It-Tajlandja | S-XIV | Perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezjuż jew semi-prezjuż, metalli prezjużi, metalli mlibbsa b'metall prezjuż, u oġġetti magħmula minn-hom; ġojjelli artifiċjali; munta | |
| TJ | It-Taġikistan | | | |
| TK | It-Tokelaw | | | |
| Tl | Timor-Leste | | X | |
| TM | it-Turkmenistan | | | |
| TN | It-Tunezija | | | |
| TO | It-Tonga | | | |
| TT | Trinidad u Tobago | | | |
| TV | Tuvalu | | X | |
| TZ | It-Tanzania | | X | |
| UA | L-Ukraina | | | |
| UG | L-Uganda | | X | |
| Um | Il-Gżejjjer Minuri tal-Periferija tal-Istati Uniti | | | |
| UY | L-Urugwaj | | | |
| UZ | L-Uzbekistan | | | |
| VC | St Vincent u l-Grenadines | | | |
| VE | Il-Venezwela | | | |
| VG | Il-Gżejjjer Verġni Britanniċi | | | |
| VI | Gżejjjer Virgin tal-Istati Uniti tal-Amerika) | | | |
| VN | Il-Vjetnam | S-XII | Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrellel, umbrellel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar tal-bniedem | |

| A | B | C | D | E |
|----|------------------|---|---|---|
| VU | Il-Vanwatu | | X | |
| WF | Wallis u Futuna | | | |
| WS | Is-Samoa | | X | |
| YE | Il-Jemen | | X | |
| YT | Il-Majott | | | |
| ZA | L-Afrika t'Isfel | | | |
| ZM | Iż-Żambja | | X | |
| ZW | Iż-Żimbabwe | | | |